Kelma tal-Ħajja

JANNAR 2024
ĦARĠA 1

movimen t tal-fokolari

www.focolaremalta.org

# “Int għandek tħobb il-Mulej... u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek” (*Lq* 10, 27).

Din is-sena, il-Ġimgħa ta’ Talb għall-għaqda tal-Insara[1] qed tistedinna nirriflettu fuq il-kliem li jidher hawn fuq u li nsibuh ukoll fit-Testment il-Qadim[2]. Fi triqtu lejn Ġerusalemm, Ġesù ltaqa’ ma’ wieħed għaref tal-liġi li staqsih: “Mgħallem, x’għandi nagħmel biex niret il-ħajja ta’ dejjem?”. B’hekk bdiet diskursata bejniethom, u Ġesù wieġbu b’mistoqsija oħra: “Fil-liġi x’hemm miktub?”[3]. U l-għaref tal-liġi wieġbu: “Inħobbu ’l Alla u lill-proxxmu tagħna”, u hekk wieġeb għall-mistoqsija li kien għamel hu stess. Il-Liġi u l-Profeti huma kollha miġbura f’din l-imħabba.

**“Int għandek tħobb il-Mulej... u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek”.**

“U l-proxxmu tiegħi min hu?”, reġa’ staqsieh dak l-imgħallem tal-liġi. Ġesù wieġbu bil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb. Hu ma qagħadx isemmi min jista’ jkun il-proxxmu tagħna, imma wrieh li rridu nġibu ruħna bi ħniena kbira f’dak kollu li nagħmlu mal-oħrajn. Aħna stess irridu nsiru “proxxmu” għall-oħrajn. Irridu nistaqsu lilna nfusna: “Issa jien, ta’ min jiena proxxmu?”.

Kif għamel dan is-Samaritan, hekk aħna rridu nieħdu ħsieb ħutna meta jkunu fil-bżonn, billi naraw x’għandna nagħmlu fis-sitwazzjonijiet li jkunu jinsabu fihom. U dan irridu nagħmluh bla biża’ ta’ xejn. Irid ikollna mħabba li tkun lesta tgħin, twieżen u tagħmel il-qalb lil kulħadd.

Fl-oħrajn irridu naraw lilna nfusna u nagħmlu magħhom dak li nixtiequ li ħaddieħor jagħmel magħna. Din insejħulha “r-regola tad-deheb” li nsibuha fir-reliġjonijiet kollha. Gandhi jfissirha b’dan il-mod: “Inti u jien, aħna ħaġa waħda. Ma nistax inweġġgħek bla ma nweġġa’ lili nnifsi”[4].

**“Int għandek tħobb il-Mulej... u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek”.**

“Jekk nibqgħu indifferenti u ma nagħmlu xejn quddiem il-bżonnijiet tal-proxxmu tagħna, kemm materjali kif ukoll spiritwali, ma nistgħux ngħidu li nħobbu ’l-proxxmu tagħna bħalma nħobbu lilna nfusna. Ma nistgħux ngħidu li nħobbuh kif ħabbu Ġesù. F’komunità li trid tispira ruħha mill-imħabba li għallimna Ġesù, ma nistgħux nagħmlu differenza bejnietna u ma nistgħu nittraskuraw lil ħadd. [...]. Sakemm nibqgħu nħarsu lejn il-proxxmu

tagħna bħala xi ħadd barrani, xi ħadd li ma jħalliniex bi kwietna u jfixkel il-proġetti tagħna, ma nistgħux ngħidu li nħobbu 'l Alla b'qalbna kollha"[5].

**"Int għandek tħobb il-Mulej... u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek".**

Il-ħajja hi magħmula minn dak li jseħħ fil-mument preżenti. Meta nindunaw b'dawk in-nies li jinsabu qrib tagħna, u nagħrfu nisimgħu 'l-oħrajn, il-ħajja ssir aktar interessanti u nagħmlu dak li qatt ma konna nobsru li nistgħu nagħmlu. Hekk ġralha Victoria:

"Fil-knisja bqajt milquta bil-vuċi sabiħa ħafna ta' mara Afrikana li kienet qiegħda ħdejja. Fraħtilha u ħeġġiġtha biex tingħaqad mal-kor tal-parroċċa. Bdejna nitkellmu ftit u sirt naf li hi kienet soru mill-Guinea, fi triqtha lejn Madrid. Qaltli li fl-istitut fejn kienet hi, kienu jilqgħu trabi u tfal żgħar abbandunati li jrabbuhom u jieħdu ħsiebhom sa ma jikbru, jidħlu l-università, jew jitgħallmu xi sengħa. Qaltli wkoll li għandhom post fejn iħitu imma li m'għandhomx magni biżżejjed.

Offrejt li ngħinha biex issib magni oħra, u poġġejt it-tama tiegħi f'Ġesù, ċerta li Hu jismagħna u jħeġġiġna nibqgħu nħobbu salaħħar.

Wieħed ħabib tiegħi kien jaf lil xi ħadd tas-sengħa. Dan kien kuntent li jieħu sehem f'din il-katina ta' mħabba. Sewwa u tana tmien magni u sab ukoll magna oħra li tgħaddi l-ħwejjeġ. Koppja li nafuha li kienet sejra għal jumejn vaganza, bidlu l-programm tagħhom u għamlu vjaġġ itwal biex setgħu jieħdu dawn il-magni Madrid. U hekk, "il-magni tat-tama", bi vjaġġ twil bil-baħar u bl-art, waslu sa Malabo. Fil-Guinea bilkemm setgħu jemmnu! Fil-messaġġi li bagħtulna stajna nindunaw bil-gratitudni tagħhom!".

Patrizia Mazzola u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1: Din tiġi ċċelebrata bejn it-18 u l-25 ta' Jannar. Is-siltiet ta' talb għal din is-sena ġew ippreparati minn tim ekumenika mill-Burkina Faso.**

**2: Ara *Dt* 6, 4-5 u *Lv* 19, 18.**

**3: *Lq* 10, 25.**

**4: C. Lubich, *L'arte di amare*, Città Nuova, Ruma 2005, pġ. 24.**

**5: C. Lubich, Kelma tal-Ħajja ta' Novembru 1985, fil-ktieb, *Parole di Vita*, ta' Fabio Ciardi (Opere di Chiara Lubich 5; Città Nuova, Ruma 2017) pġ. 340-341.**

**ĊENTRU**
**TAL-MOVIMENT**
**TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**